MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 13/1994/VI
LCD 39/1999

16 ta' Diċembru 1999

Lis-Segretarji u s-Sindki
Kunsilli Lokali

# Memo 84/1999

## KONFERENZA NAZZJONALI (2000) GVERN LOKALI: SERVIZZ B'IMPENN LILL-KOMUNITA'

Il-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, permezz tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sejjer jorganizza Konferenza Nazzjonali (2000) bit-tema GVERN LOKALI: SERVIZZ B'IMPENN LILL-KOMUNITA'. Il-Konferenza sejra ssir fil-Lukanda ***Coastline, Salina Bay*** **nhar is-Sibt, 22 ta' Jannar 2000. Tibda fid-9.00 am** u tagħlaq għall-ħabta tas-2.30 pm. Għal din il-konferenza sejrin jiġu mistiedna wkoll Ministri, Segretarji Parlamentari, il-Membri kollha tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Segretarji Permanenti u Uffiċjali oħra.

**Permezz ta` din il-Memo, is-Segretarji kollha huma mistiedna biex jattendu għal din l-okkażjoni. Inħeġġukom biex tattendu.** Is-Sindki, id-Deputati Sindki u l-Kunsillieri kollha sejrin jigu mistiedna personalment.

F'din il-konferenza sejrin jiġu diskussi suġġetti ta' nteress speċjali, kif jidher mill-programm anness ma' din iċ-cirkolari.

Peress li jridu jsiru xi arranġamenti bil-quddiem dwar l-organizzazzjoni tal-Konferenza, inti ġentilment mitlub biex tinforma lil dan id-Dipartiment dwar min mill-Kunsill tieghek sejjer jattendi **(permezz ta' Fax Number 224904)**, mhux aktar tard mit-Tnejn, 17 ta` Jannar 2000 bid-dettalji mitluba fil-formola annessa.

Bħal ma sar is-sena l-oħra, sejrin jiġu armati fuq *stands* fis-Sala tal-Konferenza il-bandieri tal-Kunsilli kollha.

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

Dan id-Dipartiment sejjer jieħu ħsieb għall-kiri ta' *poles* u *stands* u l-armar tagħhom. Minn naħa tal-Kunsill, ikun hemm bżonn biss li tgħaddu il-bandiera (il-parti tad-drapp) bl-emblema tal-Kunsill aġġornata, lill-kuntrattur appuntat.

Għal dan il-għan intkom mitluba biex minn issa tagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex tgħaddu il-bandiera immedjatament lis-Sur S.C. Farrugia, Jon David Ltd, 43 Triq il-Mitħna, Qormi, Tel: 448755, 491111 u Fax: 445027.

Victor J. Rizzo
Direttur

Kopji: Is-Sur Reuben Sciberras, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President Assoċjazzjoni Segretarji Kunsill Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali
Is-Sur S. C. Farrugia, Jon David Ltd 43, Triq il-Mitħna, Qormi